MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 511/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Micallef**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Joseph Micallef, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 329153(M), talli bejn l-20 ta’ Awwissu 2011 u s-27 ta’ Awwissu 2011 bejn is-07:30hrs u 08:00hrs ġewwa M’Scala “b’mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak kien ta’ fastidju ghal Maria Manicolo minn M’Scala”.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, minbarra l-piena li jidhrilha xierqa, tapplika l-provvediment ta’ l-artikolu 383 Tal-Kap. 9 u dan għas-sigurta` ta’ Maria Manicolo;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 251A(1)(b)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Micallef ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' €2,400;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Micallef ippreżentat fis-7 ta' Dicembru 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u b'dana li ma ssibux ħati ta' l-istess imputazzjoni u minnha tilliberah biex b'hekk tilliberah minn kull ħtija jew alternativament tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkonċerna l-piena nflitta fuqu;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-imputazzjoni kif dedotta ma tistax tissussisti peress illi ma tgħidx x'kien il-fastidju li allegatament huwa ta lil Maria Manicolo; (2) li Maria Manicolo għamlet ir-rapport tagħha fis-7 ta' Settembru 2011 meta l-allegat reat sar bejn l-20 u s-27 ta' Awwissu 2011, u dan juri li l-komportament ta' l-appellant ma kienx ta' fastidju ghaliha; (3) li huwa bl-ebda mod ma ta jew ittenta li jagħti fastidju lil Maria Manicolo. Bħala amministratur kull ma ried kien li jġib prova ta' l-iskart li kienet qed tħalli l-imsemmija Maria Manicolo f'post ipprojbit. Għalhekk ma kellu l-ebda raġuni jistaħba; (4) li l-aġir tiegħu ma kienx *"a course of conduct"* kif trid il-liġi; qatt ma kellu l-intenzjoni li jagħti fastidju iżda biss li jipproteġi l-interessi tal-kondomini; (5) li l-piena hi eċċessiva.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi l-ewwelnett għal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Bezzina** mogħtija fis-26 ta' Mejju 2004:

"F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

**"'Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.'**

"Issa l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni in kwistjoni mhix ħlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

**"'L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-ċitazzjoni ma hi xejn ħlief avviż jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ-ċitazzjoni ma hix il-bażi tal-akkuża, bħalma hu l-każ tal-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuża jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li ġaladarba 1-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>prinċipali</u> taċ-ċitazzjoni (għax hemm funzjonijiet oħra, bħal, per eżempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jiġi akkużat sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun ġiet eżawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ġunju, 1989 fl-ismijiet I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."**

“U bħalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza mogħtija fl-4 ta’ Novembru 1994 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:**

**“‘Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti għandhom jiġu ndikati fiha mhux għall-fini tal-validita` tagħha, jew tal-proċeduri, kompriża s-sentenza, li jsegwuha, iżda għall-fini ta’ pratticita` u ta’ evitar ta’ telf ta’ żmien, u cioe` biex l-imputat x’ħin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun ġie mħarrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruħu għall-imputazzjoni dedotta.**

**“‘.....**

**“‘Dan kollu premess ifisser li ċ-ċitazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma tista’ tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F’ebda każ dik iċ-ċitazzjoni ma ġġib in-nullita’ tal-proċeduri sussegwenti, kompriża s-sentenza.”**

“Is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ċ-ċitazzjoni jkun fiha l-fatti ta’ l-akkuża. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri** mogħtija fit-18 ta’ Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), ġie spjegat:

**“‘Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b’mod ċar ir-reat li tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, mingħajr il-ħtieġa ta’ tiġbid ta’ kliem jew immaginazzjoni, jiġifieri b’mod li l-imputat ikun jaf ta’ liema reat jew reati qed jigi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwiegeb.’”**

**7.** Fil-każ in eżami m’hemmx dubju li l-imputazzjoni mhijiex redatta b’mod feliċi. Difatti ma tirreferix għal x’inhu “dak” li suppost kien ta’ fastidju. Mill-banda l-oħra huwa evidenti illi l-imputazzjoni hija dwar “fastidju” illi l-appellant

allegatament ta lill-imsemmija Maria Manicolo. U l-kliem użat jikkonsisti f'referenza ċara u inekwivoka għall-kliem ta' l-artikolu 251A(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.[1] Effettivament, fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant, bħalma għamel quddiem din il-Qorti, iddefenda ruħu kontra r-reat kontemplat f'dak l-artikolu. Kwindi, filwaqt illi din il-Qorti tosserva illi ċ-ċitazzjonijiet għandhom jiġu redatti b'aktar attenzjoni, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, fil-każ odjern ma jwassalx għan-nullita` taċ-ċitazzjoni. B'hekk l-ewwel aggravju huwa miċħud.

**8.** It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji jirrikjedu apprezzament mill-ġdid tal-provi. Din il-Qorti semgħet ix-xhieda u minnhom jirriżulta illi fil-perijodu in kwistjoni l-appellant kien amministratur tal-kondominju tar-residenti tal-blokk magħruf bħala Ullswater fi Triq il-Qaliet, Marsascala. Maria Manicolo, li tabita f'dan il-blokk, ilmentat illi bejn l-20 u s-27 ta' Awwissu 2011 l-appellant kien joqgħod mistoħbi fid-*drive-in* tal-blokk u jeħdilha ritratti. L-appellant innega li ħa ritratti ta' Maria Manicolo iżda ammetta li ħa ritratti tad-*drive-in* u tal-*garbage bags* li Maria Manicolo kienet tqiegħed mal-ħajt ħdejn id-*drive-in*. Jinnega li kien ikun mistoħbi. Fil-verita` jidher illi dak li kien jagħmel l-appellant kien li għal xi jiem qagħad jistenna fid-*drive-in* sakemm toħroġ l-imsemmija Maria Manicolo u tiddepożita l-*garbage bag* tagħha u mbagħad jieħu r-ritratti neċessarji (ara ritratti esebiti). M'hemmx prova illi huwa ħa ritratti ta' l-imsemmija Maria Manicolo. L-appellant spjega li dan għamlu fil-vesti tiegħu ta' amministratur sabiex ikollu prova illi din Maria Manicolo kienet qed tiddepożita l-*garbage bag* f'post fejn mhux suppost tiddepożitah. Huwa minnu illi Maria Manicolo setgħet kienet qed tiddejjaq bil-fatt illi l-appellant kien qiegħed jieħu dawn ir-ritratti, iżda l-appellant kien ġustifikat fl-aġir tiegħu? L-Ewwel Qorti qalet illi l-imġieba ta' l-appellant ma kinitx rikjesta taħt xi liġi jew regolament. Iżda kienet imġieba raġonevoli?

---

[1] **251A.** (1) Persuna li ġġib ruħha:
*(a)*…
(*b*) b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.

**9.** Jidher illi dak li wassal għat-teħid tar-ritratti kienet kwistjoni li kienet diġa` bdiet għaddejja dwar fejn jistgħu jiġu depożitati l-*garbage bags*. Ittra datata 11 ta' Lulju 2011 mill-kunsill lokali ta' Marsaskala lill-Ullswater Apartments kienet tgħid, *inter alia*: "L-iskart għandu jintrema biss f'boroż addattati u jitpoġġew biss quddiem ir-residenza tagħkom" (sottolinear ta' din il-Qorti). Jidher illi Maria Manicolo kienet qed toġġezzjona illi l-iskart jitqiegħed biswit it-taraġ li jagħti għall-blokk appartamenti minħabba r-riħa li qalet li kienet tidħol fl-appartament tagħha li jagħti proprju għal fuq il-post fejn kien jitħalla l-iskart. L-appellant, bħala amministratur, kien hejja avviż dwar fejn kellu jitħalla l-iskart. Jidher illi l-kondomini kollha, ħlief Maria Manicolo, imxew skond id-direttiva li ngħatat mill-kunsill lokali u segwita mill-amministratur. Fil-fatt Maria Manicolo baqgħet persistentement tħalli l-*garbage bags* mal-koxxa tax-xellug tad-*drive-in* u allura mhux quddiem ir-residenza tagħha. Din il-Qorti temmen illi kull ma ried jagħmel l-appellant, *qua* amministratur, kien illi jkollu prova ta' l-aġir ta' Maria Manicolo u mhux biex jagħtiha fastidju. Ċertament l-imġieba tiegħu, fid-dawl ta' l-aġir ta' l-istess Maria Manicolo, kellha titqies raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Jiġifieri japplika bi sħiħ il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali. Konsegwentement, l-appellant ma kellux jinstab ħati ta' l-imputazzjoni dedotta.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant Joseph Micallef mhux ħati ta' l-imputazzjoni dedotta u tilliberah minn tali imputazzjoni u mill-piena nflitta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------